MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Numru. 906/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**versus**
**Etienne Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Etienne Schembri ta' 24 sena bin Joseph u l-mejta Vincenza nee Psaila imwieled il-Pieta' nhar il-11 ta' Lulju, 1979 residenti fil-fond numru Ground Floor No 2 Camarata Buildings, Merchants' Street Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 332479 (M)

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl bejn it-13 u 1-14 ta' Settmebru, 2003, go San Giljan ikkommettejt serq ta' BOV Cash Link Card bin-numru 40012235674, HSBC Quick Cash bin-numru 006110340050, u Cheque Book bin-numru 22 677 40012235674 tal-BOV liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Jessica Mifsud minn San Giljan.

Akkuzat ukoll talli kkommettejt serq ta' BOV Cash Link Card bin-numru 4324390003856016, BOV Visa Cash Link

Card bin-numru 412309487, HSBC Quick Cash bin-numru 009055860050 liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, mezz u bix- xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Eduardo Do Nascimento minn San Giljan.
Akkutat talli fl-ghodwa ta’ l-14 ta' Settembru 2003 bejn 1-4.00 u 5.00 kkommetta serq ta' flus fl-ammont ta' Lm200 billi permezz tal-BOV Cash Link Card bin-numru 40012235674 gibed is-somma mill-Automatic Teller Machine go San Gwann, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, persuna, lok u valur, ghad-detriment ta' Jessica Mifsud.
Akkuzat ukoll talli bil-hsieb li jisraq vettura ta' l-ghamla Ford tip Ka bin-numru tar-registrazzjoni JES 214 ghad-dannu ta' John Mifsud minn San Giljan, liema serq huwa aggravati bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa, ura dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' l-istess delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu u dan bi ksur ta’ l-artikoli 261 (b), (c), (g) 263(a), 265, 267 u 271 (g) rispettivament tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Akkuzat ukoll talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi b'mezzi xort'ohra hekk kif imsemmija fl-artikolu 325 tal-Ligijiet ta' Malta, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cjoe` t-tieqa tal-vettura JES 214 ghad-dannu ta' l-istess John Mifsud minn San Giljan u dan bi ksur ta’ l-artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Akkuzat talli fl-istess cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm200 bi hsara ta' Jessica Mifsud minn San Gwann.
Akkuzat ukoll talli bi hsara ta' haddiehor, ghamel xi qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Akkuzat aktar talli f’San Giljan, Msida, Floriana, fil-Belt Valletta u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dawn sar f’Maltajew barra minn

Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex inbieghhom jew imexxiehom.
Akkuzat ukoll talli nhar it-30 ta' Settembru u t-tlett xhur ta' qabel gol-Belt Valletta kellek fil-pussess tieghek droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast milli tipprova li d-droga msemmija giet fomuta lilek ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat l-atti kollha tal-process fosthom l-istqarrija ta' l-imputat ta' 1 t'Ottubru, 2003, il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tinstemgha sommarja datat 15 ta' Dicembru, 2004, il-verbal tal-15 ta' Dicembru, 2004 fejn il-Prosekuzzjoni rtirat l-akkuzi mmarkati (d) u (e) waqt li l-imputat ta ruhu b'notifikat b'din il-bidla, il-verbal tal-25 ta' Frar, 2005 li fih il-Prosekuzzjoni qablet mad-difiza li ghalkemm l-imputazzjonijiet (a), (b) u (c), huma mnizzlin separatament dawn kollha jikkoncernaw tliet oggetti separati izda li jiffurmaw ir-refurtiva ta' serqa wahda biss, kif ukoll li l-imputazzjoni mmarkata (h) hija altemattiva gnal dawk l-imputazzjonijiet immarkati (a), b) u (c), rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet (a), (b), (c) u (i), u li ghaldaqstant:
(i) l-imputazzjonijiet (d) u (e) kienu rtirati;
(ii) l-imputazzjoni (a), (b) u (c) huma wahda;
(iii) l-imputazzjoni (h) hija alternattiva ghal (a), (b) u (c);
(iv) illi galadarba (a), (b)u (c) u (i) huma ammessi mill-imputat dawn l-imputazzjonijiet kienu ippruvati skond il-ligi.
L-imputat radd lura l-parti li hu kien ha mis-serqa ta' Lm200 (mitejn lira Maltija) jigifieri Lm l00 (mitt lira)

minhabba li l-mitt lira l-ohra, jekk tintradd, din ghandha tintradd minn hadd iehor.
Fejn ma sarx qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza kien dwar jekk meta l-imputat kienx qed jisraq mill-Automatic Teller Machine ta' San Gwann huwa kienx ukoll qed jikkommetti frodi bi ksur ta' l-artikolu 308 u 309 tal-Kap 9.
L-elementi tas-serq huma (i) il-kontrattazjoni tal-haga; (ii) li tkun ta' hadd iehor; (ii) maghmula b'mod frawdolenti jigifieri li tkun taf li qed tiehu haga ta' hadd iehor; (iv) minghajr il-kunsens tas-sid; (v) animo lucrandi.
L-elementi tal-frodi huma, artikolu 308 jinhtieg 'l-apparat estern li jaghti fidi u kredibbilta' ghall-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke teatrali. Irid ikun att jew atti li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308. L-ingann ma jkunx sempliciment weghdiet, promessi u kliem semplici. Irid ikun hemm l-ingann.' (Ara: Il-Pulizija versus George Manicolo, Qorti ta' l-Appell Kriminali: 31 ta' Lulju, 1998).
L-elementi tal-frodi fl-artikolu 309 huma; 'l-element ta' qliegh, dak tal-qerq li bih per mezz tieghu sar il-qliegh u dak ta' hsara lil hadd iehor.' (Ara: Il-Pulzija versus Francesca Caruana 25 ta' Lulju, 1953 - Qorti ta' l-Appell Kriminali.)
Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 huwa kompriz u nvolut fl-artikolu 308. (Ara: 'I1- Pulizija versus George Manicolo, Qorti ta' l-Appell Kriminali: 31 ta' Lulju, 1998).

Fil-fehma ta' din il-Qorti, meta wiehed jiehu flus li mhux tieghu minn go bank permezz ta' cashlink, huwa qed jisraq lill-bank u dan ghaliex il-flus li jkunu depozitati minn hadd iehor isiru tal-bank minhabba li l-flus huma res fungibilis. Fil-fehma tal-Qorti jissusistu l-hames elementi elenkati aktar 'il fuq.
Fil-fehma ta' din il-Qorti jissusistu wkoll l-elementi taht l-artikolu 309 ghaliex hemm l-element ta' qliegh, il-qerq - ghaliex inti qed tippoza bhala dik il-persuna li hija intitolata li tuza l-card meta m'intix u l-hsara ghal hadd iehor - f'dan il-kaz il-bank. Jidher ukoll li f'kaz bhal dan aktar japplika l-artikolu 309 milli l-artikolu 308 ghaliex meta wiehed juza card li mhix tieghu ma jaghmilx hekk biex igieghel lil hadd

iehor jemmen li jezistu intraprizi foloz jew xi setgha fuq hadd iehor jew ta' krediti immaginarji jew biex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika.
Biss il-Qorti tqis li f'kaz bhal dan japplika l-artikolu 17 (h) tal-Kap 9 ghaliex meta l-istess atti jiksru diversi dispozizzjonijiet tal-Ligi, ma jfissirx li imputat ghandu jiehu piena ghal kull wiehed minn dawn l-atti.
Wara li kkunsidrat dan kollu, u wara li rat l-artikolu 17(h), 261, 267, 268, 271 (g), 308, 309, 334 tal-Kap 9, ir-4 u 6 Taqsima, l-artikolu 22 (1) (a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kap 101 u r-regolementi 8 u 9 tal-GN292 ta' 1-1939 il-Qorti qed issib l-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet (a), (b), (c), (g) u (i) izda qed tilliberah mill-imputazzjonijiet (d), (e), (f) u (h) izda stante illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija, ghandu fedina penali netta, hallas sehmu mis-serqa, kif ukoll ghamel ammissjoni bikrija flok tikkundannah qed tpoggih taht il-harsien ta' Probation Officer li jrid jinhatar mid-Direttur tal-Probation Services u dan ghal perjodu ta' tliet (3) snin mill-lum. Il-Qorti fehmet lill-imputat l-artikolu 7 tal-Kap 446 fi kliem semplici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------